# LECTIO DIVINA

## Għid il-Ħamsin

Sena B

## Ġw 15:26-27; 16:12-15

**Kuntest**

Il-qari tal-lum jifforma parti mid-Diskorsi tat-Tluq, mqiegħda fil-kuntest tal-Aħħar Ikla, għad-dell tal-passjoni-eżaltazzjoni ta' Ġesù fuq is-salib, fejn jispikka r-rapport ta' intimità bejn Ġesù u l-Missier, u bejn Ġesù u d-dixxipli tiegħu. Jekk qabel Ġesù kien preżenti mad-dixxipli tiegħu fil-ġisem, issa se jibda jkun preżenti fid-dixxipli tiegħu permezz tal-Ispirtu. Id-dixxiplu għalhekk hu msejjaħ jidħol f'relazzjoni unika ta' mħabba ma' Kristu, biex isir xebh tiegħu sew fil-ħajja u sew fil-mewt (Rum 14:8). Din is-silta tad-don tal-Ispirtu mwiegħed lid-dixxipli biex iqawwihom fix-xhieda tinftiehem fid-dawl tat-talba ta' Ġesù għad-dixxipli tiegħu (Ġw 17).

Is-silta tal-lum hi ffurmata minn żewġ partijiet separati meħuda minn żewġ kapitli differenti ta' Ġwanni: l-ewwel żewġ vrus huma l-għeluq tal-kapitlu 15; l-erba' versi l-oħra huma parti minn kapitlu 16. It-tema komuni li tgħaqqadhom hu l-Ispirtu s-Santu, ikkwalifikat bħala l-Ispirtu tal-Verità f'relazzjoni max-xhieda għal Kristu, mogħtija kemm mill-Ispirtu nnifsu fil-ħajja tad-dixxipli, kif ukoll mid-dixxipli lill-bnedmin. L-effett tax-xhieda tad-dixxipli hu doppju: tingħata glorja lil Alla għax permezz tax-xhieda l-bnedmin isiru jħobbu lil Alla; imma l-ħidma tal-*martys* iġġib ukoll "tfixkil" għad-dixxipli, hekk li huma jissieħbu fl-istess ħajja ta' Kristu li ġie ppersegwitat minħabba l-verità li xandar. Difatti, l-ewwel parti tal-qari hi ingastata f'kuntest ta' persekuzzjoni tad-dixxipli, li propju fil-persekuzzjoni jsiru jixbhu lil Kristu ppersegwitat; it-tieni parti hi mqiegħda f'kuntest ta' tama li għad twassal għall-ferħ, għax kif id-dixxipli jipparteċipaw fit-tbatija ta' Kristu, hekk għad jipparteċipaw fir-rebħa tiegħu (ara 2 Tim 2:12). Biex jgħaddu mill-persekuzzjoni għar-rebħa, id-dixxipli huma msieħba mill-Ispirtu Difensur-Konsolatur. Imma hu propju fil-kuntest tal-"mibegħda tad-dinja" li d-dixxipli, bħal Kristu, jiġu msejħa jagħtu x-xhieda tagħhom. Għad-dixxipli, il-persekuzzjoni ssir l-uġigħ tal-

ħlas (Gal 4:19; ara Ġw 16:21-22; Mk 13:8; Rum 8:22), inkella ma jkollhomx sehem mill-hena tas-Saltna (Mt 5:11-12).

Il-“verità” mhix biss kontenut ta’ tagħrif li wieħed jemmen imma l-istess Alla (Ġw 14:6). Il-verità (kemm bħala għarfien tal-kontenut kif ukoll bħala għarfien tal-/relazzjoni mal-Persuna Divina) hi realtà dinamika, jiġifieri wieħed ma jħaddaniex b’mod sħiħ u immedjat, imma gradwalment, biċċa biċċa u fi proċess: “Bħalissa naraw bħallikieku f'mera, mċajpar, imma mbagħad naraw wiċċ imbwiċċ. Issa nagħraf biċċa, mbagħad nagħraf bħalma jien magħruf issa” (1 Kor 13:12). Dan jagħmel minna qaddejja-xhieda tal-verità u mhux sidien tagħha. Jitlob ukoll mid-dixxiplu li jkun bniedem dejjem *in-formazione*, kapaċi jħalli lilu nnifsu jiġi ffurmat u ffirmat minn idejn Alla bil-grazzja tal-Ispirtu li jaħdem fil-Knisja, u fl-istess waqt bniedem li fl-azzjoni pastorali tiegħu kapaċi jħares lejn il-bnedmin fl-istess ottika ta’ persuni *in-formazione,* li fuqhom ukoll jissawwab l-Ispirtu ta’ Alla (ara Atti 10:45). B’dan il-mod, id-dixxiplu-xhud isir sieħeb ta’ Kristu li joffri lilu nnifsu għall-bnedmin.

**(Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu:) 15,26“Meta jiġi d-Difensur, li se nibagħtilkom mingħand il-Missier, l-Ispirtu tal-verità, li ġej mill-Missier, huwa jixhed għalija.**

L-Ispirtu li Ġesù jagħti lid-dixxipli tiegħu hu l-istess Spirtu li jagħti l-Missier (Ġw 14:26), għax Ġesù u l-Missier huma ħaġa waħda (Ġw 17:21-22). Fi Ġwanni, l-Ispirtu hu d-don ta’ Ġesù gglorifikat fuq is-salib (Ġw 19:30) u d-don ta’ Kristu rxuxtat lid-dixxipli (Ġw 20:22) biex huma wkoll ikollhom l-istess glorja (Ġw 17:22). Il-Missier hu l-għajn tal-ħajja, tal-verità, tat-tjubija u tal-imħabba. Permezz tal-Iben, id-dixxipli jaraw il-Missier (Ġw 14:7-9); permezz tad-dixxipli, il-bnedmin jaslu biex jaraw lill-Iben, u fl-Iben jaraw il-Missier (Lq 10:16; 1 Kor 3:23).

Il-ħidma jew ix-xhieda tal-Ispirtu għalhekk twassal biex id-dixxipli jkomplu jagħrfu min hu Ġesù (Ġw 16:12-15), biex bħalma dak li hu tal-Missier hu tal-Iben, hekk ukoll dak li hu tal-Iben ikun tad-dixxipli, biex id-dixxipli jaslu għall-verità (Ġw 16:13). Mingħajr l-għarfien ta’ Ġesù, id-dixxipli ma jistgħux jagħrfu l-Missier u anqas jixhdu għalih.

Il-mixja lejn il-verità hi l-mixja tad-dixxiplu li jaf li mhux aqwa minn sidu, imma jrid isir jixbhu (Mt 10:24-25). Aħna qed niġu ffurmati biex inkunu bħal Ġesù, u biex ikollna l-istess paternità tal-Missier. In-nies għad isejħulna “Father”. Is-sejħa tagħna hi li nitrawmu fil-paternità spiritwali.

> *When a man does not have this desire [for fatherhood], something is missing in this man. Something is wrong. All of us, to exist, to become complete, in order to be mature, we*

*need to feel the joy of fatherhood: even those of us who are celibate. Fatherhood is giving life to others... For us, it is pastoral paternity, spiritual fatherhood, but this is still giving life, this is still becoming fathers... A father knows what it means to protect his children. And this is a grace that we priests must ask for ourselves: to be a father, the grace of fatherhood, of pastoral paternity, of spiritual paternity. We may have many sins, but this is* commune sanctorum. *We all have sins. But not having children, never becoming a father, it is like an incomplete life: a life that stops half-way. And therefore we have to be fathers. But it is a grace that the Lord gives. People say to us: 'Father, Father, Father.' They want us to be this, fathers, by the grace of pastoral fatherhood."* (Francis, Morning Meditation in the Chapel of the Domus Sanctae Marthae, *The Joy of Fatherhood,* 26/06/13)

**[27]U intom ukoll tixhdu, għax intom kontu miegħi sa mill-bidu.**

Id-dixxiplu-missjunarju hu dak li jixhed għall-imħabba tal-Missier li dehret fi Kristu (1 Ġw 4:9). Din l-istess imħabba ssawbet fi qlubna permezz tal-Ispirtu (Rum 5:5) u tagħmilna kapaċi nħobbu bl-istess qalb tal-Missier li, għax ma jrid lil ħadd jintilef (Mt 18:14; 2 Piet 3:9), reħa l-pjan tal-ħolqien u tas-salvazzjoni f'idejn l-Iben tiegħu (Ġw 13:3), għax dak kollu li tqiegħed f'idejh ma jintilifx (10:28-29). Aħna għandna sehem minn dan il-proġett universali tal-imħabba salvifika tal-Missier, għax Kristu ħalla f'idejna l-missjoni tiegħu. L-Ispirtu jaħdem fina bid-diversità tad-doni tiegħu (ara 1 Kor 21:1ss), għall-bini tal-Ġisem ta' Kristu (Ef 4:12), imma b'daqshekk m'għandniex biex niftaħru (1 Kor 9:16) għax hu l-istess Alla li jaħdem kollox f'kulħadd (1 Kor 12:6). Alla jimxi fl-istorja b'ħafna umiltà u sempliċità. Ix-xhieda tagħna trid tkun imsieħba ma' ħafna umiltà. Kif jgħid il-Papa, "God acts in humility, in silence, in the small things" (Morning Meditation in the Chapel of the *Domus Sanctae Marthae, Never a spectacle,* 9 March 2015).

*Fatherhood in the Church, whether it's the paternity of God, the charismatic paternity of the Prophets, the Apostles, the holy Fathers or the spiritual father, isn't a fatherhood of authority, tyranny or domination of the human conscience and soul, but fatherhood in the pangs of childbirth, fatherhood of ineffable humility and sacrifice of oneself for the love of others... For spiritual fatherhood to be genuine, there has to be a sharing not only in the glory and authority of Christ, but also in the Cross, death, the terrible descent into Hell, the alienation from God. Only someone who shares in the Cross and glory of Christ is in a position to become a spiritual father, that is someone who shares the fatherhood*

*of God, and thus the only begetter, reformer and educator of human souls.* (Metropolitan Amfilhije [Radović] of Montenegro and the Littoral)

**16,12 Baqagħli ħafna ħwejjeġ x'ngħidilkom, imma għalissa ma tifilħux għalihom.**
Fit-teoloġija dommatika nitgħallmu li Kristu hu l-milja tar-Rivelazzjoni u li ma fadal xejn x'jiġi rivelat lilna dwar Alla:

> *It must be firmly believed that, in the mystery of Jesus Christ, the Incarnate Son of God, who is "the way, the truth, and the life" (Jn 14:6), the full revelation of divine truth is given."* (Dominus Iesus, 5)

X'fadal mela li jrid jgħidilna Ġesù? Fadal nitgħallmu t-triq tal-imħabba ta' Ġesù, triq li tisboq kull għerf (1 Kor 12:31), it-triq tal-imħabba tas-salib li tbellah l-għerf tad-dinja (1 Kor 1:18-25). Hu l-Ispirtu ta' Alla li jgħin lill-Knisja u lilna nagħrfu din il-verità ta' Kristu biex nagħmluha tagħna u nattwalizzawha fl-istorja, biex anke l-istorja tagħna ssir l-istorja tas-salvazzjoni. Fil-ħajja tad-dixxipli, huma u jgħixu l-imħabba ta' Kristu, tixxandar dejjem b'mod ġdid il-verità ta' Kristu lid-dinja, anke fejn jidher li l-imħabba hi telliefa. Kif jgħid il-poeta Ruman Trilussa fil-peożija tiegħu *Er Ragno Bianco* (1917), huwa u jirrifletti fuq il-ħidma għall-paċi tal-Papa Benedittu XV fl-eqqel tal-Gwerra l-Kbira, fil-ħidma tad-dixxiplu hemm iż-żerriegħa tar-rebħa ta' Kristu:

*Un Ragno Bianco fece un bastimento*
*piantò du' zeppi in croce*
*drento una mezza noce,*
*filò la tela, che servì da vela,*
*entrò ner mare e se n'annò còr vento.*
*Un'Ostrica, che vide la partenza,*
*je disse: - Dove vai, povero Ragno?*
*Io te vedo e te piagno! Che imprudenza!*
*Nun vedi er cielo? Pare*
*che manni a foco er mare:*
*in ogni nuvoletta*
*c'è pronta una saetta,*
*c'è un furmine che casca*

*frammezzo a la burrasca.*
*Come cammini, senza direzzione,*
*tu ch'hai perso la bussola e nun ciai*
*nemmanco la risorsa der timone?*
*Eppuro – disse er Ragno sottovoce –*
*un'unica speranza che me resta*
*è de poté sarvà da la tempesta*
*er tesoro che tengo ne la noce.*
*Io nun so dove vado e quanno arivo,*
*ma porto, per incarico speciale,*
*er seme de quell'arbero d'Ulivo*
*che ce darà la Pace Universale.*

**imma għalissa ma tifilħux għalihom. 13Meta jiġi hu, l-Ispirtu tal-verità, iwassalkom għall-verità kollha; għaliex hu ma jgħid xejn minn tiegħu, imma jgħid dak li jisma', u jħabbrilkom il-ġejjieni.**
Il-kelma ta' Kristu tgħarbel fil-fond il-qalb tad-dixxiplu (Lhud 4:12). L-iskandlu tas-salib (Gal 5:11) fixel anke lid-dixxipli, lil dawk li kienu miegħu sa mill-bidu (Ġw 15:27) għax ma setgħux jaċċettaw li l-Mulej tagħhom isir saħta, imdendel mal-għuda (Gal 3:13). Minħabba f'hekk, fil-mument tal-prova ħallew lill-Mulej waħdu u kulħadd telaq lejn il-kenn ta' daru (Ġw 16:32). Hu biss fir-rebħa tas-salib u bil-qawwa tal-Ispirtu wara l-qawmien li setgħu jifhmu u jilqgħu l-kliem ta' Ġesù (Lq 24:27). Permezz tad-don tal-Ispirtu, id-dixxipli jżommu ħajja fihom il-kelma tal-Imgħallem tagħhom, li ma tibqax kelma-ħoss imma ssir mill-ġdid kelma-laħam li tinkarna f'ħajjithom biex ikunu jistgħu jagħtu xhieda tal-verità tagħha fl-istorja tal-bnedmin (Kol 3:16; 1 Ġw 2:14).

**14Hu jagħtini glorja, għaliex jieħu minn dak li hu tiegħi u jħabbru lilkom. 15Dak kollu li għandu l-Missier huwa tiegħi. Għalhekk għedt li jieħu minn dak li hu tiegħi u jħabbru lilkom".**
Ġesù diġà rċieva l-glorja tal-Missier qabel il-passjoni wara li Ġuda ħareġ miċ-ċenaklu (Ġw 13:31ss). Hi l-istess glorja li l-Iben kellu sa mit-twaqqif tad-dinja (Ġw 17:5), u li turi l-qawwa tagħha meta l-Iben ikun merfugħ (Ġw 3:14-15; 12:32; 2 Kor 12:9). Ġesù jibqa' jiġi gglorifikat f'kull dixxiplu li jibqa' f'imħabbtu (Ġw 15:9). Hu biss jekk ngħammru fl-imħabba ta' Alla li nistgħu nagħmlu l-opri tiegħu (Ġw 14:12). Bil-fidi li taħdem bl-imħabba (Gal 5:6), permezz

tal-Ispirtu aħna nidħlu fi ħdan it-Trinità (Ef 2:18). L-Ispirtu s-Santu, in-nifs ta' Alla minfuħ fina biex jagħmilna ħolqien ġdid (Ġw 20:22), inissel fina l-ħajja ta' Alla, iqabbad fina nar ta' ħeġġa (Lq 12:49; Ġer 20:9) biex aħna "nieħdu minn dak li hu ta' Ġesù u nħabbruh" biex nagħtu l-ħajja lill-bnedmin (Apok 22:1-2; Eżek 47:9) sabiex il-Missier ikun igglorifikat (Ġw 15:8) u Alla jkun kollox f'kollox (1 Kor 15:28). Dak li aħna msejħin biex nippossedu f'ħajjitna, l-għana tagħna, hi l-imħabba ta' Ġesù. Jekk sehem il-Mulej hu l-poplu tiegħu (Dewt 32:9), Alla hu l-aqwa ġid tagħna (Salm 16:2,5-6). Jekk ma nitgħallmux inħobbu bħal Kristu jew meta nħobbu "id-dinja" aktar milli nħobbu lil Kristu (2 Tim 4:10), l-imħabba ta' Alla ma tgħammarx fina (1 Ġw 2:15-16) u x-xhieda tagħna tkun bla effett (Mt 17:16). Kif jgħallem San Ġwann Marija Vianney, "The priesthood is the love of the heart of Jesus."

> *In today's world, as in the troubled times of the Curé of Ars, the lives and activity of priests need to be distinguished by a determined witness to the Gospel. As Pope Paul VI rightly noted, "modern man listens more willingly to witnesses than to teachers, and if he does listen to teachers, it is because they are witnesses". Lest we experience existential emptiness and the effectiveness of our ministry be compromised, we need to ask ourselves ever anew: "Are we truly pervaded by the word of God? Is that word truly the nourishment we live by, even more than bread and the things of this world? Do we really know that word? Do we love it? Are we deeply engaged with this word to the point that it really leaves a mark on our lives and shapes our thinking?". Just as Jesus called the Twelve to be with him (cf. Mk 3:14), and only later sent them forth to preach, so too in our days priests are called to assimilate that "new style of life" which was inaugurated by the Lord Jesus and taken up by the Apostles.* (Benedict XVI, *Letter proclaiming a Year for Priests on the 150th anniversary of the "Dies Natalis" of the Curé of Ars*, 2009).